MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 16/2020**

**L-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fl-4.30pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.50pm billi ma' kienx hemm *quorum* sa dak il-ħin. Intqalgħet talba u l-laqgħa ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Is-Sindku informa li l-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech u l-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba kienu skużati minħabba impenji ta' xogħol.

### 16.2 Is-sitwazzjoni taż-żona ta' Ras ir-Reqqa

16.2.1 Is-Sindku beda billi nforma lil dawk preżenti li din il-laqgħa b'urġenza ssejħet minħabba s-sitwazzjoni taż-żona ta' Ras ir-Reqqa. Għal din il-laqgħa l-Kunsill sejjaħ lil Avukat tal-Kunsill Dott. Mario Scerri u bagħat għas-sidien ta' din iż-żona. Hu informa li fl-aħħar laqgħa attendew tlett min-nies jirrappreżentaw tlett kumpaniji tad-*diving*. Fl-aħħar laqgħa l-Kunsill niżżel il-minuti ta' dak li ntqal minn dawn it-tlett min-nies. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex inqraw dawn il-minuti.

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba talab lil Avukat Dott. Scerri biex jara sew il-kuntratti preżentati mis-sidien u jagħti l-parir tiegħu.

L-Avukat Dr Mario Scerri tenna li mill-kuntratti li ġie muri, jidher li l-Familja Axiaq miż-Żebbuġ għandhom parti mis-Salini hi privata tagħhom minn xiri. Hu qal, li ċertu Angelo Axiaq, li jiġi missier Tereżina Refalo u ħutha, kien akkwista b'kuntratt fl-1954. Dan il-kuntratt sa issa għadu ma rahx. Hu tenna li l-kuntratt li għandu f'idejh huwa tas-sena 1975 meta l-istess Anġlu, dak li kien akkwista fis-sena 1954, trasferixxa partijiet lil uliedu. Minn dan it-territorju, trasferixxa tmien biċċiet lil uliedu Toni Axiaq, Tereża miżżewġa Refalo, Ġużepp Axiaq, Alfred Axiaq, Toni Axiaq, Ġorġ Axiaq, Marija miżżewġa Saliba, u Vitor Axiaq. Hu kompla billi qal li fil-provenjenza ta' dak il-kuntratt igħid illi dawn il-biċċiet jiffurmaw parti minn territorju akbar li Anġlu Axiaq kien akkwista fis-sena 1954. Jirriżulta li fis-sena 1987 trasferixxa partijiet oħra lil bintu Carmela miżżewġa Pace, u l-konfini jagħmluha ċara illi jibda minn xatt il-baħar. Is-Sur Daniel Cordina staqsa jekk hemmx aċċess bil-mixi. L-Avukat Scerri wieġeb li le, jekk mhux bil-

kunsens tas-sidien.  Dott. Scerri qal li l-kuntratt tas-sena 1975 jagħmel referenza għall-pjanta u qal li jkun aħjar li l-Familja Axiaq iġibulu din il-pjanta għax dik tiddetermina l-konfini eżatt minn fejn jibda sa fejn jestendi ruħhu.  Hu enfasizza li din iż-żona hi privata u ħadd ma' jista jagħmel użu minnha jekk mhux bil-kunsens tas-sidien.

Is-Sur Daniel Cordina tenna li fuq dawn il-fatti, kieku din l-art tiegħu, jirraġuna bħal dawn is-sidien. B'dispjaċir lejn id-*divers*, avolja kulħadd għandu jirrispetta l-opinijiet differenti ta' kulħadd, dawn m'għandhomx jagħmlu din il-*pressure* fuq ħwejjeġ ħaddieħor.  Hu kompla billi qal li parti mis-salini tal-melħ hija reklamata mad-dinja bħala prodott Għawdxi u lil Leli tal-melħ ġieli tawh fastidju.

Is-Sur Victor Refalo, wieħed mis-sidien, qal li l-għada se jiġbor il-kuntratti kollha bil-pjanti u jħallihom il-Kunsill, avolja m'għandux dritt jagħmel hekk.  Is-Sindku staqsa f'isem ir-residenti jekk is-sidien jarawhix bi kbira jekk igħaddi xi sajjied b'qasba jew ngħassa.  Is-sidien wieġbu li m'għandhiex tkun problema. L-Avukat Dr Scerri ssuġġerixxa li jsiru *signs* li hemm proprjeta' privata.  Is-sidien wieġbu li ilhom iwaħħlu tabelli imma jinqalgħu.  Is-Sindku reġa' staqsa jekk is-sajjieda jistgħux jidħlu? L-aħwa qalu li se jħallu passaġġ imma ma' jistgħux jipparkjaw jew isiru BBQs.  Is-Sur Daniel Cordina staqsa, billi din hi art privata l-Kunsill x'jidħol. Dr Scerri wieġeb li l-Kunsill għandu jagħmel il-posizzjoni tiegħu ċara, issa la darba li huma stess qajmu din l-*issue* u l-Kunsill għamel il-verifiki tiegħu u sab li hi privata, jagħmel posizzjoni ċara li dik fuq dik l-*area* m'għandu l-ebda *say* fil-ġurisdizzjoni, b'kopji tal-kuntratti u pjanti.  Is-Sur V. Refalo tenna li l-Kunsill m'għandu l-ebda dritt li jagħti permessi f'dik iż-żona.  Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li l-Kunsill dejjem bagħathom għand is-sidien.  Is-Sinjura Refalo tenniet li biex sar l-*ispiral* bil-ġebel ġie xi ħadd il-Kunsill, imma issa għaddiet. Is-Sindku wieġeb li issa dak hu kapitlu magħluq.  Is-sidien tennew li dak l-*ispiral* tnaddaf bi spejjeż tagħhom.

Is-Sur Nicky Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill jgħaddi l-kopji kollha tal-kuntratti u l-pjanta li kien hemm nieqsa lil Avukat tal-Kunsill biex jibgħat risposta uffiċċjali, biex fil-laqgħa tal-Kunsill tiġi diskussa.* Kien hemm qbil.  Kien hemm qbil ukoll bejn dawk preżenti biex nibagħtu għad-*divers* biex ikunu preżenti għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

*Il-Viċi Sindku Dr Cini qablet ma' dan u tenniet li importanti li tingabar il-pjanta u tingħadda lil Avukat tal-Kunsill.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv